

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 249

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

23 ta' Settembru 2009

Werrej

I *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 871/2009 tat-22 ta' Settembru 2009 li jstabilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 872/2009 tat-18 ta' Settembru 2009 li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** 3

I

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 871/2009

tat-22 ta' Settembru 2009

li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u
ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2009.

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-23 ta' Settembru 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNEX

il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur fiss tal-importazzjoni
0702 00 00	MK	36,7
	ZZ	36,7
0707 00 05	MK	33,2
	TR	125,1
	ZZ	79,2
0709 90 70	TR	108,8
	ZZ	108,8
0805 50 10	AR	102,0
	CL	113,6
	TR	91,7
	UY	117,8
	ZA	85,7
	ZZ	102,2
0806 10 10	EG	104,8
	IL	115,4
	TR	85,8
	ZZ	102,0
0808 10 80	AR	62,2
	BR	113,8
	CL	62,5
	NZ	80,6
	US	85,4
	ZA	73,6
	ZZ	79,7
0808 20 50	CN	45,1
	TR	120,5
	ZA	70,3
	ZZ	78,6
0809 30	TR	118,9
	US	243,3
	ZZ	181,1
0809 40 05	IL	112,9
	TR	90,9
	ZZ	101,9

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi ffixxata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 872/2009**tat-18 ta' Settembru 2009****li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, hu neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-merkanizja msemmija fil-kolonna 1 tat-tabella li tinsab fl-Anness għandha tkun ikklassifikata taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna 2, għar-raġunijiet imsemmija fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stipulat li informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li għandha x'taqsam mal-klassifikazzjoni tal-prodotti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ⁽²⁾.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mfassla fl-Anness għandhom ikunu klassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikata fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Settembru 2009.

Għall-Kummissjonil

László KOVÁCS

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Xeddijiet tas-saqajn bil-pettijiet tan-naħa ta' barra tal-plastik u parti ta' fuq magħmula minn ċineg, imwahnin mal-pett fi tliet punti.</p> <p>Il-parti ta' fuq testendi min-naħa tax-xellug tal-pett għan-naħa tal-lemin. L-arkata ffurmata minn din il-parti ta' fuq hi mwahnin wkoll mal-pett permezz ta' ċinga li testendi min-nofs l-arkata l-isfel lejn il-pett biex tiffred is-swaba'.</p> <p>Il-parti ta' fuq tax-xedd tas-saqajn inkwistjoni hi magħmula minn bosta folji ta' materjali differenti.</p> <p>Iż-żewġ ċineg li jiffurmaw l-arkata huma magħmulin minn folja ta' tessut (iċ-ċineg tat-tessut T1 u T2 fir-ritratti) li fuqha hi meħjuta folja ġilda (iż-żewġ ċineg tal-ġilda C1 fir-ritratti). Fuq din il-ġilda hi meħjuta folja iżgħar oħra tal-ġilda (iż-żewġ ċineg tal-ġilda C2 fir-ritratti) b'ħajta tat-tessut b'kulur li jgħajjat. Bejn il-folja tat-tessut (T1/T2) u l-folja tal-ġilda (C1) huma mdaħħlin żewġ ċineg li ma jidhrux (tal-plastik) (iċ-ċinga A fir-ritratt 646 D), waħda f'kull naħa tal-arkata.</p> <p>Fnofs l-arkata iż-żewġ ċineg tat-tessut (T1 u T2) u l-erba' ċineg tal-ġilda (C1 u C2) huma meħjuta flimkien b'ħajta waħda (ara ir-ritratt 646 C).</p> <p>Fnofs l-arkata, iċ-ċinga tat-tessut li tisepara is-swaba' ddr mal-materjali kollha tal-arkata li ġew imsemmija qabel, billi tiffurma ħolqa madwarhom (iċ-ċinga tat-tessut T3 fir-ritratti). Iċ-ċinga tat-tessut hi parzjalment mikxufa.</p> <p>Fuq din il-ħolqa tat-tessut, fnofs l-arkata, hemm biċċa rettangolari tal-ġilda li hi meħjuta fuq il-ħolqa tat-tessut u l-materjali tal-arkata li huma msemmija hawn fuq (il-biċċa rettangolari tal-ġilda C3 fir-ritratti).</p> <p>Fuq in-naħa tax-xellug u tal-lemin tal-arkata, fil-punt fejn hu ffixsat mal-pett, bosta miċ-ċineg li jiffurmaw l-arkata huma mdaħħlin u mwahnin mal-pett bil-kolla. Iżda fejn iċ-ċineg tal-ġilda C1 jiddaħħlu fil-qiegħ bi kważi 1 cm biss tat-tul tagħhom u iċ-ċineg tal-ġilda C2 jiddaħħlu bi kważi 5 mm biss tat-tul tagħhom, iċ-ċineg tat-tessut T1 u T2 jiddaħħlu fil-pett b' 5 cm tat-tul tagħhom (ara r-ritratt 646 E).</p>	<p>6404 19 90</p>	<p>Il-klassifikazzjoni hi determinata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Maġħquda, Nota 4(a)(b) tal-Kapitolu 64, Nota Ad-dizzjonali 1 tal-Kapitolu 64 u l-kliem tal-kodiċi NM 6404, 6404 19 u 6404 19 90.</p> <p>Il-biċċa rettangolari tal-ġilda C3 issaħħaħ iċ-ċinga tat-tessut ċentrali T3 u żżejjen ukoll iż-żarban. B'hekk, meta jiġi identifikat il-materjal kostitwenti tal-wiċċ, ma għandu jiġi kkunsidrat l-ebda tisħiħ/ aċċessorju fit-tifsira tan-Nota 4(a) fil-Kapitolu 64.</p> <p>Iż-żewġ ċineg iżgħar tal-ġilda C2 huma meħjuta, b'ħajta tat-tessut li hi ta' tiżzin u ta' kulur jgħajjat, maċ-ċineg tal-ġilda C1 jintużaw primarjament għal raġunijiet ta' tiżzin u, b'hekk, huma kkunsidrati bħala aċċessorji fit-tifsira tan-Nota 4(a) tal-Kapitolu 64.</p> <p>Fnofs l-arkata iż-żewġ ċineg tat-tessut (T1 u T2) u iż-żewġ ċineg tal-ġilda (C1) huma meħjuta flimkien b'ħajta waħda b'mod li turi li t-tessut u l-ġilda huma tal-istess importanza biex isir il-wiċċ. Madankollu, il-fatt li iċ-ċineg tat-tessut (T1 u T2) biss huma mdaħħlin kif xieraq fil-pett – mhux bħaċ-ċineg tal-ġilda C1-, juri li iċ-ċineg tat-tessut biss jiffissaw il-wiċċ (l-arkata) mal-pett. B'hekk, iċ-ċineg tat-tessut T1 u T2 ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala inforra, iżda huma l-materjal kostitwenti tal-wiċċ fit-tifsira tan-Nota 4(a) tal-Kapitolu 64, fejn iċ-ċineg tal-ġilda C1 isaħħu biss iċ-ċineg tat-tessut T1 u T2 u mhumiex kkunsidrati bħala materjal kostitwenti tal-wiċċ.</p> <p>Iż-żewġ ċineg A li ma jidhrux huma mdaħħlin kollha kemm huma bejn iċ-ċinga tal-ġilda C1 u iċ-ċinga tat-tessut T1/T2 tul iż-żewġ naħat tal-arkata. Peress li huma bejn u iżgħar miċ-ċineg tal-ġilda (C1) u iċ-ċineg tat-tessut (T1/T2), huma ma jfixklux il-funzjoni ta' tisħiħ taċ-ċineg tal-ġilda C1.</p> <p>Iċ-ċinga tat-tessut ċentrali T3 li tiffred is-swaba' hi parti mill-materjal kostitwenti tal-wiċċ minħabba li tikkostitwixxi l-forma speċifika ta' dan is-sandli "b'ċinga dejqa" u, barra minn hekk, għax hi l-unika materjal li jikkostitwixxi din iċ-ċinga.</p>

(1)	(2)	(3)
<p>sandli "b'ċinga dejqa"</p> <p>(Ara r-ritratti nri 646 A, 646 B, 646 C, 646 D u 646 E) (*)</p>		<p>Barra minn hekk, il-materjal tat-tessut (T1 u T2 u T3 flimkien) juri l-karatteristiċi ta' wiċċ fit-tifsira tan-Nota Addizzjonali 1 tal-Kapitolu 64 għax il-materjal tat-tessut tal-wiċċ tas-sandli, mingħajr il-materjali l-oħra, jissodisfa l-għan ta' wiċċ, jiġifieri, li jipprovdni biżżejjed appoġġ għas-sieq biex jippermetti lil min jilbsu biex jimxi bis-sandli (Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizja tal-Komunitajiet Ewropej fil-każ C-165/07, Skatteministeriet v Ecco Sko A/S, paragrafu 48).</p> <p>B'hekk iż-żewġ ċineg tat-tessut T1 u T2 u ċ-ċinga tat-tessut ċentrali T3 huma l-materjal kostitwenti tal-wiċċ fit-tifsira tan-Nota 4(a) tal-Kapitolu 64.</p> <p>Is-superfiċje tal-materjal kostitwenti tal-wiċċ hi mill-inqas parzjalment esposta fuq is-superfiċje tan-naħa ta' barra tax-xedd tas-sieq, għax parti mill-materjal tat-tessut (li jikkonsisti minn tliet partijiet mmuntati ta' drappijiet tat-tessut identiċi (T1, T2 u T3)) hi esposta fuq is-superfiċje tan-naħa ta' barra tax-xedd tas-sieq (parti miċ-ċinga tat-tessut T3) (Ara in-Noti ta' Spjega tan-Nomenklatura Magħquda fil-Kapitolu 64, Ġenerali, (1)(a), l-ewwel sentenza t-tieni paragrafu).</p> <p>Skont it-tifsira tan-Nota 4(b) tal-Kapitolu 64 il-parti tal-pett li tmiss mal-art hija tal-plastik. B'hekk, ix-xedd tas-sieq għandu pett tan-naħa ta' barra tal-plastik.</p>

(*) Ir-ritratti huma għal għanijiet informattivi biss.

L-ispejgazzjoni tas-simboli li jintużaw fir-ritratti

C3 (biċċa rettangolari tal-ġilda)

C1 (żewġ ċineg tal-ġilda, waħda fuq kull naħa tul l-arkata)






C2 (żewġ ċineg iżgħar tal-ġilda fuq kull waħda miċ-ċineg C1)

T1 u **T2** (żewġ ċingi tat-tessut, it-T1 fuq in-naħa tal-lemin u t-T2 fuq in-naħa tax-xellug tul l-arkata)

T3 (ċinga ċentrali tat-tessut li tifred is-swaba')

A (ċinga tal-plastik li ma tidhirx li hi mdaħħla kollha kemm hi bejn iċ-ċinga laterali tal-ġilda C1 u ċ-ċinga laterali tat-tessut T2; ara ritratt 646 D)

S (pett)



PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 000 EUR fis-sena (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	100 EUR fix-xahar (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	700 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	70 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	40 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	500 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

(*) Il-prezz kull kopja: bi 32 paġna: 6 EUR
minn 33 sa 64 paġna: 12 EUR
aktar minn 64 paġna: Prezz fiss għal kull każ

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li jroġoġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT